# Dawra f'Ta' Frankuni

(*Ta'* K. Fenech)

GĦADNI nisma' l-kliem t'ommi jdoqq f'widnejja donnha għadha qiegħda tgħiduli issa: "Ibni, fittex li tagħmilha ma' min hu aħjar minnek. X'jiswielek ħabib li ma jgħallmekx u ma jserraħlekx id-dieq ta' qalb mugħugħa!" Jien kliem ommi dejjem haristu bir-reqqa u xewqitha naqqaxthom f'qalbi biex fil-mixja taż-żmien ma jkollix għax inħabbat fuq sidri bħal bosta żgħażagħ u ngħid: Haqqni għax ma smajtx minn ommi. Ħbieb, għalhekk, ftit li xejn qbadt, u dawk li qbadt tabilħaqq qgħadt b'seba' għajnejn li jkunu jistgħu jiswewli ta' ġid kemm għal ruħi u kemm għal ġismi.

Wieħed minn ħbiebi kien is-Sur Ġużè, raġel li kemm donnt ħbieb miegħu qatt ma naqas f'kelma waħda biss. Miegħu kont insib l-għaxqa ta' qalbi għax ma jgħaddix jum wieħed li ma titgħallimx xi ħaġa minnu. Kien raġel li qara ħafna u kotba qalleb kemm felaħ u kull min fetaħ qalbu miegħu meta sab ruħu f'xi saram, is-Sur Ġużè malajr ħarġu minnu b'wiċċ il-ġid.

Darba fost l-oħrajn, das-Sur Ġużè ġie d-dar u qalli: "Ħabib, il-lum taf fejn immorru? Hemm tabib il-Manikomju ħabib tiegħi ħafna u nitolbuh iħallina nagħmlu dawra qalb l-imġienen." Bejn biex niċċajta u bejn għax, ngħid is-sewwa, bżajt immur qalb l-imġienen, jien għidtlu: "Ma jmurx xi ħadd minnhom jagħmel għalina hux?" Is-Sur Ġużè faqqa' daħka u qalli: "Intı għandek x'tagħmel ħalli mmorru?" F'kemm ili ngħidlek hejjejt ruħi u tlaqna 'l barra.

Irkibna l-karrozza u f'radda ta' salib wasalna H'Attard. Kemm domna fuq il-karrozza s-Sur Ġużè beda jfehemni kif għandi nġib ruħi, u wissieni li ma jmurx ifettilli nidħak waqt li nkunu quddiem xi wieħed mill-morda għax jista' jkollna xi ngħidu sewwa. Terġa', l-imħabba lejn għajrna ma tħallinix nagħmlu dan għax dawk morda.

Hekk kif dħalna, is-Sur Ġużè sellem lil wieħed sinjur u baqa' miexi. Kif tbegħidna ftit qalli: "Dan taf min hu? Dan għadu kif sar tabib dis-sena, missieru tistagħġeb jekk ngħidlek li meta t-tifel kien għadu żgħir ma kellux għaxa ta' lejla. Imma dak li kellu nieqes f'butu kellu żejjed f'għaqlu. Raġel li tassew

tisthoqqlu kull foħrija għal kif rabba' 'l uliedu; u issa, kif qed tara qed jaħsad il-frott ta' għaqlu. Kien għadu anqas temm dan il-kliem is-Sur Ġużè li ma tfaċċax quddiemna raġel li mid-dehra tiegħu u minn kif kien liebes kien jidher li hu wieħed mill-morda.

Malli rajtu, jien ħadt qatgħa, ngħid is-sewwa, għax għidt mela l-imġienen hekk iħalluhom jiġru mas-saqajn! U jekk jagħmlu xi waħda minn tagħhom iduru għal xi ħadd! Fuq hekk dort lejn is-Sur Ġużè u staqsejtu jekk dak kienx marid jew le. "Iva", weġibni s-Sur Ġużè, "dan miġnun, imma taf il-għala jinsab jiġri hawn? Għax dawk li jkunu tajba u ma jkunx hemm biża' li tagħtihom xi siegħa tal-ġenn iħalluhom jiġru fl-isptar. Dawk li jkunu miġnuna sewwa u jkunu ta' qilla kbira, ikunu maqfula u ħadd ma jidħol ħdejhom. Dan li qed tara wieħed mit-tajbin u jekk tkellmu anqas biss ma tinduna li hu miġnun u tistagħġeb kif jinsab hawn. Dawn ikunu nies iffittati fuq ħaġa waħda biss, ngħidu aħna, ikunu waħħlu f'moħħom xi ħaġa u kull darba li jaħsbu fiha tagħtihom is-siegħa tal-ġenn, iżda mbarra f'dan il-waqt dejjem jirraġunaw daqsna."

Sa kemm is-Sur Ġużè qal dal-kliem, jien bqajt nissamma' għal dawn il-praspar, u rajt li s-Sur Ġużè jifhem sewwa fejn daħal u, li għalkemm dan kien miġnun, m'hemmx għalfejn wieħed jitbażża' aktar milli jmissu. Hekk kif kont qed naħseb illi ma għandix għalfejn nibża', f'daqqa qabditni rogħda kbira għax ilmaħt raġel ieħor mill-morda riesaq igħaġġel lejna u jgħajjat: "Bonġornu sinjur, bonġornu għalikom. Xi tridu minn hawn? Żgur ġejtu biex idduru l-isptar! Imxu miegħi." Ma ngħidilkomx kif qalbi għamlet tikk għal dan il-kliem ta' dan il-miġnun u tassew li tħawwadt għall-aħħar. Is-Sur Ġużè, meta rani hekk għemiżni u qalli minn taħt il-lsien li ma għandix għalfejn nibża' u issa la dan jixtieq idawwarna ma ngħidulux le, għax jista' jieħu għalih u tagħtih xi siegħa.—"Dan malajr neħilsu minnu malli niltaqgħu ma' xi tabib jew ma' xi servjent, għax ħadd ma jista' jdur l-isptar hekk. Dawn qatt tmur kontra xewqithom", qalli s-Sur Ġużè. — "X'għadna ħabib," wieġeb is-Sur Ġużè. "Donnok bassâr. Dan kif taf li aħna ġejna biex inżuru l-isptar?"—Għadek ma tafx min jien int għalhekk, u anqas ngħidlef kif naf, għax kieku kont taf min jien ma kontx tistaqsini kif naf. Tridu tiġu miegħi dduruh kollu?"—"Bil-qalb kollha niġu, għala le", wieġbu minnufih is-Sur Ġużè.

It-tlieta qbadna bħal daħla ċkejkna minn ġol-ġnien u ġejna fejn sala. Kien hemm xi erbgħa min-nies jiġru 'l hawn u 'l hemm, fosthom tnejn mix-xeħta servjenti. "Dawn ara" beda dal-miġnun li kellna magħna, "dawn nies li trid tassew tibża' minnhom, għax qalbhom ta' l-azzar. Ma jħennu għal ħadd, iqisu rashom biss, u jaqbel li nwarrbu minn hawn li ma niksirhiex ma' xi wieħed minnhom." "Il-Bambin jibgħatha tajba", għidt bejni u bejn ruħi, "dan lest għall-ġlied." "Intom tafu", issokta dal-miġnun, "ma għandniex xi ngħidu, hawn hu l-isptar ta' l-imġienen, u għalhekk, ma għandkomx għax tistgħaġbu la nibda nsemmilkom fuqiex huma iffittati dawn in-nies. Ara, ħarsu lejn dan li ġej u tħalluhx jarakhom għax dan bniedem jekk tħares lejh jaħseb li biex tidħak bih. Dan kellu l-mara xi għaxar snin iżgħar minnu, u darba fettillu għer għaliha talli kienet iżgħar minnu. Ried jara kif jagħmel u 'l din l-imsejkna mara jxejjaħha daqsu. Inti, kien igħidilha, bħala marti jeħtieġ li tkun ta' l-età tiegħi. Mhux sewwa li xagħri abjad u wiċċi tkemmex u tiegħek le. Jew marti f'kollox jew m'intix. Fuq hekk dan ried jiżbgħolha xagħarha abjad u jkemmxilha wiċċha billi jpinġihulha. U mhux darba u tnejn tah dal-ġenn u ried iwettaq ħsiebu. Darba minnhom ħataf sikkina f'idu u ħedded lil martu li jekk ma tismax minnu jinfidha. Din tistgħu taħsbu kif twerwret u, għalhekk, kellha turi dil-biċċa lill-pulizija. Bessquh quddiem it-tabib u tellgħuh hawn għall-arja. Bħalissa tista' tkellmu kemm trid u ma jidher li għandu xejn; biss ara tkellmu fuq in-nisa għax ifur u tagħtih is-siegħa."

Meta jien bdejt nisma' dal-kliem irġajt għal bejni u bejn ruħi: "Milli jidher dan il-bniedem mhux miġnun għax kif qiegħed jitkellem jagħtik x'tifhem li hu f'sessih sewwa." "Xi kemm taħseb li hemm nies hawn ġew?", staqsa f'daqqa s-Sur Ġużè. "Ngħidlek is-sewwa, ma nafx għax jekk ngħidlek inkun nigdeb u ma jixraqx li jien nigdeb; għax inkella...... mhux talli hekk, talli jiena anqas biss nista' nigdeb. Dan l-isptar huwa kbir ħafna u l-morda huma bla għadd; għax min iffittat fuq ħaġa u min fuq oħra."—"Gie li kien hawn min ħareġ minn hawn, jiġifieri fieq għal kollox?" staqsa s-Sur Ġużè. "Mela le, mhux wieħed u tnejn li kien hawn, imma, ħares, la l-moħħ ikun ħass xi ftit, ma jerġax għalli kien kif ġib u laħaq. Kemm ili hawn, jien niftakar żgur daqs tmienja, fosthom kien hemm wieħed li

kien waħħalha f'moħħu li hu xortih ħażina, għalhekk ried joqtol ruħu b'idejh. Imma dan billi kien ġenn ta' ftit ġranet malajr għaddielu. Kien tah il-ġenn għax deherlu li kellu jirbaħ il-lottu, kiteb tliet numri fuq it-twelid ta' tarbija li kellu. Darba oħra niftakar, jaħasra, tassew li kont nitħassarha, xbejba ta' xi tmintax-il sena, iġġennet fuq il-mewt t'ommha. Dehrilha li ommha ma kellhiex tmut u meta ġew biex joħduha bdiet tagħmel għal kulħadd. Imbagħad baqgħet tiffitta u tiffitta sakemm rebaħha hawn fuq. Wara waħħlitha f'rasha li ma tridx tiekol jekk ma jġibulhiex 'l ommha, u f'kemm ili ngħidlek inqerdet. Flok ħarġet ħarġuha, miskina. Din hi d-dinja. Dinja kelba u kiefra."

Minn fejn konna, tlajna ma' l-erbgħin tarġa u ġejna għal kuritur twil twil minn fejn dan il-miġnun li kellna magħna beda jġagħalna nittawlu fi twieqi u jurina xi miġnun u jgħidilna l-ġrajja tiegħu kollha kemm hi. Waqt li konna mixjin, jien bdejt nisma' bħal twerżiq irqiq irqiq, u daqqa bdejt nieqaf nissamma', daqqa donni rrid nistaqsi lil dak li kien imexxina x'inhu dan it-twerżiq, imma ma kellix ħila niftaħ fommi nistaqsi xejn, meta, għall-għarrieda s-Sur Gużè waqaf mill-mixi, u qal lil dak il-miġnun: "Isma' dan it-twerżiq x'inhu, tgħid ġiebu 'l xi ħadd ġdid hawnhekk?" "Tidhru li ma intomx imdorrija hawn fuq għax kieku kontu tkunu tafu. Dan hu twerżiq ta' mġienen li huma ta' qilla kbira u għalhekk jaqfluhom fi kmamar għalihom u meta tagħtihom is-siegħa jibdew iwerżqu kemm jifilħu." Hawn waqafna u ttawwalna minn tieqa li tagħti għal bitħa ġo l-isptar. Dan il-miġnun li kellna magħna ra lil xi ħadd u waħħal f'moħħu li ried jinżel isfel malajr fil-bitħa. "Alla magħna", qalli s-Sur Gużè minn taħt l-ilsien, "issa waslet is-siegħa tiegħu, tgħidli qabli." Aħna biex ma niksrulux qalbu nżilna miegħu fil-bitħa. Jien il-ħin kollu nitlob 'l Alla li jeħlisna minnu u fl-istess ħin nisħet il-waqt li ltqajna miegħu. Kif wasalna jurina raġel u qalilna: "Qed taraw lil dak ir-raġel oħxon f'nofs din il-bitħa? Dak miskin iffitta u jrid igħid li hu Napuljun. Ara meta l-bniedem iwaħħal ħaġa f'moħħu... Ma jafx jaħasra li Napuljun huwa jien u alla jħares jiġi jgħidli le." Kif kien qed igħid hekk tfaċċa wieħed mit-tobba, li wara sirt naf li kien dak il-ħabib tas-Sur Gużè, u dan il-miġnun għab bla ma nafu kif u fejn.